**Qorti tal-Appellant Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 30/2023**

**Appell Nru: 34/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Antoine Gambin**

Illum, 28 ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Antoine Gambin, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 9170(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fl-24 ta' Novembru 2011 u fis-snin ta' qabel f'Malta u/jew f'pajjiżi oħra fil-kapaċità tiegħu personali kif ukoll bħala direttur tal-kumpanija Metis Company Limited (C-21311), b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi hu li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera' ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew ta setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu tal-Komunitajiet Ewropej;

2. Talli fl-istess żmien u ċirkustanzi bi ħsara ta' ħaddieħor, għamel xi qligħ ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel, għad-dannu tal-Komunitajiet Ewropej;
3. Talli fl-istess żmien u ċirkustanzi approprija ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna/i oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u dan għad-dannu tal-Komunitajiet Ewropej, u l-istess ħaġa ġiet fdata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga jew servizz tiegħek;
4. Talli fl-istess żmien u ċirkustanzi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza billi ta tagħrif falz;
5. Talli fl-istess żmien u ċirkustanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor falsifikat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Jannar 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Antoine Gambin u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 30(1)(a), 31, 188(1)(2), 189, 293, 294, 308, 309, 310(1)(a) u 533 tal-Kap. 9 sabet lil istess Antoine Gambin ħati tat-tieni u r-raba' akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-piena komplessiva ta' tlett (3) snin priġunerija effettivi filwaqt li lliberatu mill-akkużi rimanenti. Finalment, il-Qorti ikkundanat lill-ħati jħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura waqt il-proċeduri ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Antoine Gambin, ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tħassar dik il-parti fejn sabitu ħati tat-tieni u r-raba' akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundanatu għall-piena komplessiva ta' tlett snin priġunerija effettivi kif ukoll fejn ikkundannatu iħallas l-ispejjez tal-esperti maħtura waqt il-proċeduri, filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn illiberatu mill-akkużi kollha rimanenti u hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ippreżentat fit-2 ta' Frar 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi:

(i) Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

(ii) Tħassarha u tirrevokaha fil-parti fejn ma sabitx lill-appellat mhux ħati tal-ewwel, it-tielet u l-ħames imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minflok tgħaddi biex issib ħtija;
(iii) Tirriformaha fil-parti tal-piena biex minflok tiġi nflitta piena skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esibita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi kemm l-imputat Antoine Gambin kif ukoll l-Avukat Ġenerali ħassewhom aggravati bis-sentenza appellata. L-appellant jilmenta illi ma kellhiex tirriżulta il-ħtija għat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, filwaqt li l-Avukat Ġenerali, minn naħa l-oħra, huwa tal-fehma illi l-appellant abbażi tal-provi in atti kellu jinstab ħati tal-imputazzjonijiet kollha lilu addebitati. Illi l-Qorti ser tibda biex tikkonsidra l-appell intentat mill-appellant Antoine Gambin.

**<u>Appell tal-imputat Antoine Gambin</u>**

Illi, fl-ewwel aggravju miġjub minnu, l-appellant jisħaq illi l-azzjoni penali fir-rigward tat-tieni u ir-raba' imputazzjonijiet li dwarhom huwa kien misjub ħati hija perenta bid-dekors tat-terminu tal-preskrizzjoni imfassal għal proponibbilita' tal-azzjoni in konnessjoni mar-reati hemmhekk imfassla, u dan fid-dawl tal-fatt illi il-konsumazzjoni ta' dawn ir-reati, fil-fehma tiegħu, seħħ l-aktar tard fis-sena 2005, bl-azzjoni penali tiġi istitwita fis-sena 2014.

Illi, hekk kif ġie ritenut fil-kawża deċiża minn din l-Qorti fl-ismijiet "<u>Il-Pulizija vs Joseph Mifsud</u>" datata il-25 t'Ottubru 2018:

> **"l-iskop wara l-istitut tal-preskrizzjoni huwa imsejjes fuq l-obbligu tal-istat, tramite il-pulizija ezekuttiva, illi jinvestiga u imexxi 'il quddiem l-azzjoni penali kontra l-awtur ta' reat kriminali u mhux jibqa' inattiv sabiex b'hekk**

**isir iktar difficli kemm ghal prosekuzzjoni kif ukoll ghad-difiza li ressqu il-provi li jistghu jintilfu bit-trapass taz-zmien b'riskju li ssir ingustizzja kemm mal-awtur tar-reat kif ukoll mas-socjeta in generali**".

Dan magħdud madanakollu l-Artikolu 692 tal-Kodiċi Kriminali jħares milli ż-żmien tal-preskrizzjoni jibda' miexi meta l-ħati jkun għadu mistur. Dana japplika allura bl-istess qies meta r-reat innifsu jkun għadu mistur.

Illi, il-Professur Anthony Mamo, fin-noti tiegħu fuq id-dritt penali, jgħid hekk kif isegwi –

> ***"Prescription in criminal matters, however, is founded not on any tacit or presumed abandonment of one's own rights, but on the mere effect of the lapse of time which takes away the necessity and expediency of enforcing punishment. This fundamental fact gives rise to two principles. "The first is that even when the authorities or the persons in whom the action is vested are in fact prevented from instituting proceedings, either because the commission of the offence is ignored, or because the offender has absconded, or on account of any other legal impediment to the exercise of the criminal action, the prescription should run all the same in virtue of the principle upon which it is founded. To this theoretical reasoning, our Code had made an important exception. Sec. 664 [illum art. 692] lays down that in respect of crimes prescription does not run when the offender is unknown. This word 'unknown' has been construed as meaning a total and absolute ignorance of the identity of the offender and not any difficulty of convicting of the crime a person reasonably suspected of being the offender. (sottolinjar tal-Qorti)***
>
> ***"In Criminal Appeal 'Formosa v. Zarb Cousin (Law Reports, Vol. XXV, Pt. iv, p. 936) it was stated that the provision that prescription does not run in respect of crimes when the offender is unknown must receive the strictest interpretation which harmonises it with the basic principles on which prescription is founded in criminal matters. The rule does not apply where the commission of the crime itself is unknown to the complainant or to the prosecutor. The word unknown must be understood in an absolute way and not as referable to the complainant or prosecutor alone, and it is necessary that the impossibility of discovering the offender's identity be due to the malice or practices of the offender himself and not, for instance, to the absence of the complainant or prosecutor from these Islands. "The same principle that the ignorance of the commission of the crime itself, as distinct from the ignorance as to the author thereof, does not prevent the running of prescription was also affirmed in Criminal Appeal Police v. Coleiro, 26/7/412 , because as the Court observed, the rule 'contra non valentem agree non currit praescriptio' admitted in Civil Law, did not apply in criminal matters (cfr. Also Cr. App. 2 Dan kien Appell Kriminali fl-ismijiet Lucia Farrugia v. Ganni Coleiro deciz fis-26 ta'***

> ***Lulju 1941 per Imhallef W. Harding, Vol. XXXI.iv.407. Police v. Agius, 3/2/47)."* <u>(sottolinejar tal-Qorti)</u>**

Illi, din l-Qorti ttrattat l-kwistjoni legali f'sentenza mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2001 f'kawza fl-ismijiet "<u>Il-Pulizija vs Lorenzo sive Lorry Cuschieri</u>", liema sentenza għamlet referenza għal ġurisprudenza aktar antika fosthom għas-sentenzi fl-ismijiet <u>Formosa vs Zarb Cousin</u> (11.09.1922) u <u>Il-Pulizija vs Mikiel Agius</u> (03.02.1947) fejn kien ġie deċiz li:

> ***"delle dette leggi criminali, se stabilisce che la trascrizione per I delitti non corra quando il colpevole sia ignoto, esso deve interpretarsi nel senso gia da questa corte ritenuto nella sua decisione dell' 11/09/22 in re Luigi Formosa vs Carmelo Zarb Cousin, cioe' che sia ignoto non gia in modo relattivo al solo offeso e per ragioni non imputabili al colpevole, ma in senso obiettivo e generale per malizia e prattiche dello stesso colpevole."***

Dana għaliex il-liġi tal-preskrizzjoni tolqot is-sustanza tal-azzjoni u mhux l-aspett proċedurali tagħha. Tirrigwarda l-fini li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tfittex u ċioe' illi bniedem ma jiġix ipproċessat għal xi azzjoni wara trapass twil ta' zmien meta il-provi li jridu jiġu prodotti quddiem il-Qorti ikunu jew intilfu jew ġew offuskati minħabba it-telfien tal-memorja tax-xhieda li jiġu prodotti.

Illi, tkompli tgħid hekk din id-deċizjoni –

> **"Illi .... l-Qorti ta' l-Appell irribadiet il-principju li l-kliem "mhux maghruf" kontemplati fl-Artikolu precitat (Dak iz-zmien l-Artikolu 687) ghandu jinghata sinifikat assolut fis-sens ta' "una ignoranza assoluta dell'autore di un delitto" u m'huwiex bizzejjed li l-injoranza ta' l-identita' ta' l-awtur tkun biss relattiva ghall-parti leza. In konkluzzjoni fuq il-punt legali sollevat, il-Qorti tosserva li, sabiex it-terminu preskrizzjonali ma jibdiex jiddekorri, a tenur ta' l-Artikolu 692 tal-Kap 9, irid ikun hemm 'ignoranza assoluta' ta' l-awtur tad-delitt. Illi fil-kaz in dizamina, dan lelement ma jikkonfigurax."**

Illi, l-ewwel reat li dwaru nstab ħati l-appellant huwa dak misjub fl-Artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali. Illi din id-dispożizzjoni tal-liġi kienet taqra hekk fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat, u għalhekk preċedentement għall-emendi li ġab magħhom l-Att numru XXIV tal-2014:

"**Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur jew il-multa**".

Sussegwentement, l-Artikolu 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu ġie ndikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għal ġudizzju maħruġa minnu datata t-22 ta' Settembru 2016, ukoll qabel l- emendi ta' l-Att numru XXIV tal-2014, kien jistipula li "**meta l-ammont tal-ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn ħamest elef euro (€5000), il-piena tkun ta'priġunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin**". Jikkonsegwi għalhekk illi l-perijodu ta' preskrizzjoni marbut ma' dan ir-reat huwa dak ta' għaxar snin, hekk kif indikat mill-Artikolu 688(b) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi, it-tieni reat li dwaru nstabet il-ħtija mill-Ewwel Qorti huwa dak ikkontemplat fl-Artikolu 188(1) tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi illi:

"**Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta'priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa**".

Illi allura għal dan ir-reat, l-azzjoni penali hija perenta bid-dekors ta' ħames snin, hekk kif indikat mill-Artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi, minn eżami tal-atti proċesswali jirriżulta li l-azzjoni penali kontra l-appellant ġiet istitwita nhar il-31 ta' Lulju 2014 u l-ewwel seduta inżammet nhar is-17 t'Ottubru 2014. *In oltre*, mill-provi prodotti jirrizulta li l-*European anti-Fraud Office* fi ħdan il-Kummissjoni Ewropeja, magħruf bħala l-*OLAF,* bdiet bl-investigazzjoni tagħha fis-sena 2011 wara li kien sar awditjar tal-proġett fdat lill-appellant kif rappreżentat mill-Kumissjoni fejn kienu nnotati diversi diskrepanzi u nuqqas ta' informazzjoni mogħtija mill-appellant permezz ta' dokumenti li kienu jixhdu x'sar f'dan il-proġett edukattiv li lilu kienu allokati fondi mill-Unjoni favur l-appellant u l-imsieħba tiegħu. Illi fl-istess żmien, u ċioe' fis-sena 2011, saret komunikazzjoni mill-OLAF mal-*Internal Audit and Investigations Department* fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim'Ministru f'Malta u dan nhar l-4 t'Awwissu 2011, hekk kif jirrizulta mix-xhieda ta' Mario Debono in rappreżentanza ta' l-istess Dipartiment, sabiex dawn jassistuha fl-investigazzjonijiet tagħha. Ukoll,

mix-xhieda tal-Ispettur Ian Abdilla, jirriżulta li l-Pulizija ġew mgħarrfa b'dawn ir-reati fis-17 t'Ottubru 2011. Kien biss mis-sena 2011 'il quddiem, wara li kienu mnehdija dawn l-investigazzjonijiet, li r-reati allegataent kommessi mill-appellant ġew magħrufa lill-awtoritajiet konċernati għaliex sa dak iż-żmien l-appellant kien għadu qed jiġi mitlub jiġġustifika in-nefqa li saret, u meta dan baqa' ma seħħx nibet is-suspett illi seta' kien hemm aġir inkriminatorju minn naħa tiegħu. Kwindi l-Qorti tqis illi t-terminu tal-preskrizzjoni għandu jibda jiddekorri minn din id-data u ċioe' mis-sena 2011. Oltre dan, anke jekk għal grazzja ta'l-argument il-Qorti kellha tqis is-sena 2005/2006 bħala iż-żmien meta kien kommess ir-reat, xortawaħda ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 ma huwiex milqut bil-preskrizzjoni stante illi minn meta l-fondi għaddew f'idejn l-appellant u ċioe' fis-sena 2006 sad-data meta ġew istitwiti l-proċeduri penali fil-konfront tiegħu, ma kienx laħaq iddekora il-perijodu ta' għaxar snin mill-allegat kummissjoni ta'l-istess. Jikkonsegwi li sas-sena 2014, meta eventwalment tressaq l-appellant il-Qorti, ir-reati li dwarhom instab ħati ma kienux preskritti. Għalhekk, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, qabel ma tinoltra ruħha fl-aggravji rimanenti kontenuti fir-rikors ta'l-appell, fil-kors tat-trattazzjoni mill-abbli difensur tal-appellant, kien imqanqal lment ieħor li ma huwiex imsemmi fl-imsemmi rikors, liema lment huwa marbut mas-sejbien ta' ħtija għar-reat imfassal fl-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali.

Tikkontendi id-Difiża illi l-att materjali tar-reat jikkonsisti fl-allegata dikjarazzjoni falza magħmula lill-"awtorità pubblika", li fil-fehma tiegħu hija dik l-awtorita' li fiha il-Gvern ta' Malta ikollu sehem jew interess. Jisħaq illi id-dikjarazzjoni nkriminatorja saret lill-*European Education and Culture Executive Agency* (magħrufa bħala *EACEA*) u dan in konnessjoni ma' fondi li kienu ngaħtaw lis-soċjeta *Metis Company Limited* rappreżentata mill-appellant fil-qafas tal-program *Socrates Minerva Action* għall-iffinanzjar tal-proġett bl-isem S.A.I.L. (*Specialised Animated Interactive Learning*). Illi l-appellant allegatament kien issottometta lil din l-Aġenzija illi l-infiq li sar in konnessjoni ma' dan il-proġett kien ta' €174,012 meta fil-fatt dan ma kienx minnu, bl-

ammont ta' €44,365.98 ma jkunx ġustifikat, u allura bl-appellant ikun issuspettat li irċieva dan l-ammont indebitament. Jisħaq illi din l-Aġenzija ma taqax fit-tħaddim tal-Kapitolu 497 (u ukoll il-Kapitolu 595) tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtu is-segwenti definizzjoni ta' l-amministrazzjoni pubblika u ta' entita' tal-Gvern:

> **"amministrazzjoni pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta inklużi l-ministeri u d-dipartimenti tiegħu, il-korpi speċjalizzati u l-aġenziji, l-entitajiet tal-Gvern, il-kummissjonijiet u l-bordijiet imsemmija f'dan l-Att**
>
> "entità tal-Gvern" tfisser organizzazzjoni, li ma tkunx dipartiment tal-Gvern, aġenzija tal-Gvern jew soċjetà kummerċjali, **li fiha l-Gvern ikollu kontroll effettiv,** sew jekk dik l-organizzazzjoni tkun jew ma tkunx imwaqqfa b'liġi.

L-artikolu 3 ta'l-Att, imbagħad, jiddisponi illi:

> **"Id-dipartimenti, aġenziji u entitajiet tal-Gvern huma korpi li jamministraw riżorsi pubbliċi u li jipprovdu servizzi lill-pubbliku jew jaqdu funzjonijiet oħra f'isem l-Istat."**

Illi l-Qorti ma tistax taqbel iżda ma' din il-linja difenzjonali. Illi l-EACEA hija waħda mis-sitt aġenżiji imsejħa eżekuttivi imwaqqfa fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea. Dawn l-aġenziji għandhom bħala l-għan tagħhom l-amministrazzjoni ta' proġetti marbuta ma' programmi tal-UE, huma entitajiet legali, għandhom il-personalità ġuridika tagħhom stess u ċerta grad ta' awtonomija amministrattiva u finanzjarja u għandhom kompiti speċifikati b'mod ċar. Jaħdmu fuq inizjattivi tal-Kummissjoni li jvarjaw mis-saħħa u l-edukazzjoni għall-innovazzjoni u r-riċerka. Dawn l-aġenziji jistgħu jiġu definiti b'mod ġenerali bħala korpi rregolati mil-liġi pubblika Ewropea li huma istituzzjonalment separati mill-istituzzjonijiet tal-UE.

Illi l-Aġenziji Eżekuttivi fi ħdan l-Unjoni huma regolati bir-regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità fejn fil-preambolu tiegħu jingħad hekk:

> **Il-Kummissjoni, bħala l-istituzzjoni responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi varji tal-Komunità, hija l-aqwa waħda kkwalifikata sabiex tistma' jekk u sa fejn, huwa xieraq li jiġu fdati kompiti ta' tmexxija dwar**

**program wieħed speċifiku jew aktar, lill-aġenzija eżekuttiva. Billi wieħed japplika lil aġenzija eżekuttiva, ma jkunx qiegħed iserraħ lill-Kummissjoni mir-responsabbilitajiet tagħha taħt it-Trattat, partikolarment l-Artikolu 274 tiegħu. Għandha għalhekk tkun kapaċi tiċċirkoskrivi l-azzjoni ta' kull waħda mill-aġenziji eżekuttivi u żżomm kontroll reali fuq l-operar tagħha, u partikolarment il-korpi li jmexxuha.**

Issa l-għan tal-aġenziji huwa hekk imfisser:

**Artikolu 1 Għan**

**Dan ir-Regolament ifassal l-istatut ta' l-aġenziji eżekuttivi, li lilhom il-Kummissjoni tista', taħt il-kontroll u r-responsabbilita tagħha, tafda ċerti kompiti dwar it-tmexxija tal-programmi tal-Komunità.**

**Artikolu 4 Status Legali**

**1. L-aġenzija eżekuttiva hija korp tal-Komunità li għandu rwol fis-servizz pubbliku.**

**2. L-aġenzija eżekuttiva għandha jkollha personalita legali. F'kull wieħed mill-Istati Membri, għandha tgawdi l-aktar kapaċita legali estensiva, mogħtija lill-persuni legali taħt il-liġi nazzjonali. Tista', b'mod partikolari takkwista jew tiddisponi minn propjeta' mobbli jew immobbli u tkun parti fi proċeduri legali. Għal dan il-għan, għandha tkun rappreżentata mid-Direttur.**

Bil-Kummissjoni tissorvelja l-operat tagħhom bl-istituzzjonijiet u l-aġenziji tagħha fosthom l-OLAF u l-Qorti tal-Awdituri.

**20(6). L-atti kollha ta' l-aġenzija eżekuttiva, u b'mod partikolari d-deċiżjonijiet kollha addottati u l-kuntratti konklużi minnha, għandhom jipprovdu espliċitament illi l-awditur intern tal-Kummissjoni, l-OLAF u l-Qorti ta' l-Awdituri jistgħu jagħmlu spezzjonijiet fuq il-post, tad-dokumenti tal-kuntratturi u subkuntratturi kollha li jkunu rċevew il-fondi tal-Komunità, inklużi filbini tal-benefiċjarji finali**

Jikkonsegwi għalhekk illi l-operat tal-Aġenziji Eżekuttivi jaqa' taħt il-kontroll tal-Kummissjoni u r-responsabbiltajiet minnha imwettqa li jaqgħu taħt t-TFUE, liema Trattat huwa ratifikat fil-liġi domestika permezz tal-Kapitolu 460 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi ovvjament fiż-żmien meta kien ippromulgat l-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali, Malta kienet għadha lanqas ħolmot li issir Stat Membru fl-Unjoni Ewropeja. U kwindi meta nħoloq ir-reat tad-dikjarazzjoni jew stqarrija falza magħmula f'xi dokument maħsub għal xi "awtorità pubblika", żgur li l-leġislatur ma kellux f'moħħu l-Aġenziji Eżekuttivi fi ħdan l-Unjoni! Llum li Malta hija stat Membru tal-Unjoni Ewropjea, madanakollu, ma jistax jingħad illi l-operat tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni (kif

imwaqqfa bit-TFEU ratifikat minn Malta), u l-Aġenziji li jaqgħu taħtha jitqiesu bħala xi entita' privata, iżda fil-fehma tal-Qorti għandhom jitqiesu bħala dik l-awtorita' pubblika li jitkellem dwarha l-artikolu 188 tal-Kap.9. Illum l-leġislatur ħaseb għal din l-evenjenza billi inħolqu reati *ad hoc* fl-artiklu 190A *et seq* tal-Kodiċi Kriminali, li madanakollu fi żmien il-kummissjoni tar-reati addebitati lill-appellant ma kenux jeżistu.

Dan magħdud, madanakollu l-Qorti hija tal-fehma illi ġaldarba l-operat tal-EACEA jaqgħu taħt il-kontroll u is-superviżjoni tal-Kummissjoni, Malta bħala stat membru tal-Unjoni Ewropeja mill-mument tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni llum (u allura wkoll fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat) tifforma parti mill- Istituzzjonijiet tagħha, b'dawn l-aġenziji għalhekk għandhom rwol fis-servizz pubbliku wiesgħa ewropew, inkluż allura dak Malti. Kwindi dan l-ilment ġdid imqanqal issa fi stadju ta' reviżjoni qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta illi diversi provi kkumpilati huma inammissibbli. Jibda billi jisħaq li d-dikjarazzjonijiet kollha magħmulin minnu qabel ma tressaq formalment il-Qorti, nkluż, iżda mhux limitatament, l-interogazzjonijiet tiegħu kemm mal-Pulizija ta' Malta kif ukoll mar-rapprezentanti tal-OLAF u/jew entitajiet maħtura mill-Kummissjoni Ewropea, huma inammissibbli u dana għaliex dawn ittieħdu b'lezjoni tad-dritt tiegħu għar-rappreżentanza legali adegwata.

Illi, mill-atti proċesswali, jirriżulta li l-ewwel stqarrija li ttieħdet lill-appellant kienet fil-forma ta *"Written Record of Interview"*, liema intervista saret nhar is-16 ta' Novembru 2011 fil-prezenza ta membri tal-Korp tal-Pulizija Maltija, kif ukoll ta' rapprezentanti tal-OLAF u tal-IAID. Fl-istess dokument, hemm miktub li dan sar a bażi tal-Artikolu 3 tar-Regolament 1073/1999, liema regolament ġie mħassar fit-30 ta' Settembru 2013 u li kien jistipula illi: –

> ***The Office shall exercise the power conferred on the Commission by Regulation (Euratom, EC) No 2185/96 to carry out on-the-spot inspections and checks in the Member States and, in accordance with the cooperation agreements in force, in third countries.***

> ***As part of its investigative function, the Office shall carry out the inspections and checks provided for in Article 9(1) of Regulation (EC, Euratom) No 2988/95 and in the sectoral rules referred to in Article 9(2) of that Regulation in the Member States and, in accordance with the cooperation agreements in force, in third countries.***

Illi, *in oltre*, id-dokument in kwistjoni intitolat *"Written Record of Interview"* jibda' bis-segwenti kliem –

> ***You have the right to speak in any of the official Community languages; the right to have a legal or other representative present; and the right not to incriminate yourself. You may request that any documents you produce be appended to the official record of this interview. Upon completion of this interview, you will be asked to read the interview record, and if you agree to sign it, it may be used as evidence in any administrative, legal or penal procedure.***

Illi, allura għalkemm  din l-intervista jew stqarrija ttieħdet nhar is-16 ta' Novembru 2011 u ċioe **qabel** li d-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni ġie ntrodott fil-Liġi nostrana permezz ta' l-Att LI tal-2016, u dana f'Novembru tas-sena 2016, madanakollu lill-appellant ingħataw id-drittijiet kollha li kienu mhux biss viġenti fil-liġi nazzjonali, iżda ukoll dik Ewropeja billi huwa ngħata id-dritt li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni, u fuq kollox ingħata d-dritt li ma jinkriminax lilu innifsu bit-tweġibiet tiegħu. L-appellant wara li kien hekk imwissi għażel li jwieġeb, b'mod iddettaljat ferm, għal kull mistoqsija lilu mqiegħda. Fl-ebda ħin ma lmenta li ma kellux assistenza legali u fl-aħħarnett huwa anke għażel li jiffirma dan l-istess dokument li kien jispiċċa bil-kliem:

> *"**I have no objection to provide a copy of this written record of interview to the persons present, ie IAID and to the Economic Crime Police ... I hereby confirm that I have read and agreed to the record of this interview and that I have been given the opportunity to make any comments or clarifications and to append any documents**"*.

Illi, għalhekk, huwa evidenti illi l-appellant ingħata il-jedd għal ħarsien tad-drittijiet legali kollha tiegħu u għaldaqstant ma ssib l-ebda raġuni għala dan id-dokument għandu jiġi skartat. Għalhekk l-aggravju tal-appellant fir-rigward qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, ukoll, l-appellant rrilaxxa stqarrija lill-Pulizija nhar l-24 ta' Frar 2014, ukoll **qabel** li d-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni ġie ntrodott fil-Liġi nostrana permezz ta' l-Att LI tal-2016, u dana f'Novembru tas-sena 2016. L-istess stqarrija tibda' bi twissija li tgħid –

> **"M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova. Inti għandek il-jedd jekk inti titlob, li qabel ma ssirlek xi interrogazzjoni titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament m'avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb' wiċċ jew bit-telefon għal mhux aktar minn siegħa żmien, inti qiegħed tiġi mgħarraf ukoll li jekk teżerċita d-dritt li tikkonsulta mal-avukat jew prokuratur legali kif spjegat aktar il-fuq u waqt l-interrogatorju inti ma tkunx trid tgħid xejn jew tonqos milli ssemmi xi fatt, jekk ikun il-każ li l-quddiem jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tiegħek, il-Qorti jew Ġudikant jistgħu jaslu għal regola t'inferenza li tammonta għall-prova korraborattiva, jekk matul il-proċess inti tressaq xi difiża li tkun ibbażata fuq xi fatt li ma tkunx semmejt matul l-interogazzjoni. Finalment qiegħed tiġi infurmat ukoll li jekk ikun hemm kawzi raġonevoli, jista' jiġi awtorizzat li t-twettiq ta' l-eżerċizzju tal-jedd tiegħek għal parir legali jiġi mdewwem għal mhux aktar minn 36 siegħa kif stipulata fl-artikoli 355AT/355AU tal-Kodiċi Kriminali."**

Illi, wara din t-twissija, l-Uffiċjal Interrogatur staqsiet lill-appellant jekk fehemx din l-istess twissija, fejn huwa wieġeb fl-affermattiv. Ukoll, ġie mistoqsi "**Tikkonferma li ġejt offrut li tikkonsulta ma' avukat ta' l-għażla tiegħek qabel ma bdejna l-interrogazzjoni tagħna u int irrifjutajt li teżerċita dan id-dritt?**", fejn huwa wieġeb bil-kelma "**Yes**". Wara dan, huwa għadda sabiex jirrispondi b'mod iddettaljat għal mistoqsijiet lilu magħmula. Finalment, huwa ddikjara li din l-istqarrija għamilha volontarjament u li ma ġiex imġiegħel b'theddid jew biża jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' xi vantaġġi u għażel li jiffirma l-istess dokument.

Illi, għaldaqstant anke din l-istqarrija kienet rilxxata skont il-liġi viġenti fiż-żmien li saret u ma hemm ebda motiv 'il għala din għandha tkun skartata. Għalhekk l-aggravju ta' l-appellant fir-rigward ta' dan id-dokument qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jisħaq ukoll li x-xhieda ta' Ian Murphy u kull riferenza għar-rapport/*audit* kif ukoll l-istess rapport/*audit* tad-ditta ta' awdituri *Moore Stephens* għal

liema jirreferi għalih l-istess xhud għandhom jiġu skartati u dana għaliex tali provi jikkostitwixxu opinjoni esperta *ex parte* li hija interament inammissibli fi proċeduri kriminali.

Illi, hekk kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess Ian Murphy quddiem l-Ewwel Qorti, huwa kien appuntat mill-Aġenzija tal-Kummissjoni Ewropeja "*Education and Culture Executive Agency*" EACEA sabiex għan-nom tal-kumpanija tiegħu *Moore Stephens* isir *audit* fuq il-proġett tal-appellant. Għalhekk huwa nkontestat li Ian Murphy ma kienx xi espert mqabbad mill-qorti f'dawn il-proċeduri izda jitqies bħala espert *ex parte*. Di fatti lanqas ir-rapport magħmul mill-kumpanija tiegħu ma jinsab eżebit in atti.

Illi, hekk kif ritenut f'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tal-24 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Renard Cassar" –

> **"Issa hija prattika sancita mill-ligi li xhieda ordinarji w cioe' mhux persuni li jigu mahtura bhala esperti mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew jesprimu opinjoni imma jistghu jiddeponu biss fuq dak li huma jikkonstataw bis-sensi taghhom. Meta tkun mehtiega xi hila jew sengha specjali biex jigi ezaminat xi oggett, ghandha tigi ordnata perizja, (art. 650 (1) tal-Kap.9). Il-periti skond il-Kodici Kriminali ma jistghux ikunu esperti ex parte imma jridu jkunu gew maghzulin mill-Qorti (art. 650 (1) tal-Kap.9) jew mill-Magistrat Inkwirenti li jkun qed jikkonduci l-in genere (art.548 u 549 tal-Kap.9).**
>
> **..... ladarba l-imsemmi rapport ma sarx minn perit maghzul mill-Qorti, dan jirrendi l-istess rapport bhala wiehed inammissibbli bhala prova."**

Illi, għalhekk x-xiehda tax-xhud Ian Murphy għandha titqies li hija ammissibbli biss in kwantu din tirreferi għal fatti riskontrati minnu, u għalhekk kull fejn huwa seta' ta xi opinjoni esperta din għandha tkun. Għalhekk, l-aggravju tal-appellant fir-rigward dana x-xhud huwa milqugħ biss parzjalment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jilmenta ukoll illi d-depożizzjoni tax-xhud Michelle Gialanza, li jikkontendi kienet ko-awtriċi materjali tar-reati addebitati lilu, għandha tkun dikjarata inammissibbli.

Illi, minn eżami tal-atti ma jidhirx illi tul is-snin ittieħdu xi proċeduri kriminali kontra l-imsemmija xhud. Fil-fatt meta hija offriet id-depożizzjoni tagħha lanqas ingħatat xi twissija u kwindi il-Qorti tifhem li din qatt ma kienet ikkunsidrata bħala xi kompliċi fil-kummissjoni tar-reati addebitati lil-appellant, qatt ma saret ebda investigazzjoni fil-konfront tagħha, u ma tista' qatt tiqies allura bħala ko-akkużata li għaliha għalhekk tapplika r-regola dwar l-inammissibbilita' tax-xiehda tagħha. Spiss iċċitata hija s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif dievrsament ippresjeduta fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Omissis; Jeremy Farrugia*", tat-23 ta' Mejju, 2001, Appell Numru 60/2001, fejn intqal:

> **"Hu evidenti minn dan il-bran li l-ewwel qorti kkonfondiet zewg regoli: ir-regola (kontenuta fl-Art. 639(3) imsemmi) li tirrikjedi korroborazzjoni meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici, u r-regola l-ohra li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz."**

Għalhekk, għalkemm id-dritt u il-ġurisprudenza applikaw il-prinċipju illi ix-xiehda tal-ko-akkużat ma għandhiex tiswa fil-konfront tal-kompliċi tiegħu, ukoll akkużat bl-istess reat jew reati, madanakollu din ir-regola ma ssibx applikazzjoni għal dan il-każ, kif ingħad, billi ix-xhud Gialanze la qatt kienet titqies bħala xi kompliċi, la bħala ko-awtur u wisq anqas kienet meqjusa bħala ko-akkużat mal-appellant għar-reati lilu addebitati. Kwindi dan l-aggravju lanqas ma jistħoqqlu akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, it-tielet u r-raba' aggravji vventilati mill-appellant ilkoll jikkonċernaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti u għalhekk ser jiġu trattati flimkien. Huwa jisħaq primarjament li kwalunkwe qliegħ li għamlet is-soċjeta' *Metis* ma kienx konsegwenza jew riżultat dirett ta' xi qerq da parti tiegħu fil-kwalita' ta' diriġent tal-istess soċjeta'. *In oltre* jikkontendi li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mill-Liġi u anke naqset milli tipprova li l-Kummissjoni Ewropea effettivament soffriet telf patrimonjali.

Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'pożizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġonevolment u legalment validu[1].

Illi, f' Novembru tas-sena 2011, il-Pulizija kienet mitluba tassisti lill-*Internal Audit and Investigative Directorate* fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u lill-OLAF rigward investigazzjoni li kienet qed issir fuq l-operat tal-appellant, u dana fejn kien allegat li l-istess appellant irċieva fondi għal proġett fil-qasam tal-edukazzjoni minn għand l-l-aġenzija EACEA liema proġett baqa' ma wasalx fit-tmiem tiegħu. Sussegwentement, nhar il-15 ta' Novembru 2011, il-Pulizija flimkien mal-uffiċjali tal-OLAF għamlu tfittxija fir-residenza tal-appellant ġewwa tas-Sliema fejn instabu zewġ settijiet ta' dokumenti pertinenti għall-investigazzjoni – wieħed kien jirrigwardja l-proġett bl-isem *Socrates* u l-ieħor kien jirrigwardja proġett tal-fondazzjoni *OAF*.

Illi, jirriżulta ukoll li l-appellant, tramite s-soċjetà kummerċjali tiegħu *Metis Company Limited* (C-21311) kien ingħata għotja ta' massimu ta' €200,979, fil-qafas tal-istess programm *Socrates.* Dan l-imsemmi program ġie ffinalizżat nhar it-30 ta' April 2005 u rċieva total ta' €174,011.60 mill-Kummissjoni Ewropea. Sussegwentement, ir-rapport finali tas-soċjeta' *Metis* ġie sottomess lill-*European Education and Culture Executive Agency* (EACEA) fid-29 ta' Lulju 2005 u abbażi ta' dan ir-rapport, il-proġett ġie kkunsidrat bħala konkluż.

Illi, fis-sena 2006, dan il-proġett intgħażel sabiex isir *audit* fuqu, liema *audit* sar mid-ditta ta' awdituri *Moore Stephens* li finalment irrakkomandat l-irkupru ta' €135,400 mingħand *Metis Company Limited*, abbażi ta' diversi nuqqasijiet.

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appellanti Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppellanti Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi, minn investigazzjonijiet ulterjuri irriżulta li f'dana il-proġett, *Metis* kienet il-*lead partner* izda kienet megħjuna mis-segwenti msieħba u ċioe', *Galassi Distribuzione (Italia),* il-Fakultà tal-Edukazzjoni fi ħdan l-Università ta' Malta, *Teacher's Resource Centre* (UOM), *Educational Software Products* (Ingilterra); *HpCOM* (Ġermanja), *Audio Visual Company Ltd* (Malta) u *Haagse Hogeschool* (Olanda). Jirriżulta ukoll li f'dan il-proġett, is-soċjetà *Metis* kienet responsabbli mal-EACEA għall-proġett, l-iffinanzjar u l-irappurtar ta' l-istess. *Metis* kienet filfatt responsabbli, *inter alia,* li tikkoordina l-ħidma bejn il-*partners* kollha u tirċievi l-fondi biex tħallashom. Filfatt il-pagamenti tal-proġett kienu mqassma hekk kif isegwi - 40% tal-fondi mal-iffirmar tal-kuntratt mal-EACEA, 40% mas-sottomissjoni tar-rapport *interim* u 20% mas-sottomissjoni tar-rapport finali.

Illi, l-Ewwel Qorti għamlet espozizzjoni dettaljati tal-provi kollha prodotti u għalhekk a skans ta' dilungar żejjed, din l-Qorti se tagħmel l-istess tagħha u se tirreplika biss punti kruċjali li għandhom pern fuq l-akkużi in kwistjoni u l-aggravji sollevati. Illi, dawn jistrieħu fuq l-ammonti ddikjarati mill-appellant fir-rapport finali imressaq mis-soċjeta' *Metis*, minnu rappreżentata lill-aġenzija EACEA, senjatament dawk li jinsabu f'"*Part 3 – Declaration of Expenditure*". Dawn l-ammonti kienu s-segwenti –

- *Galassi Distribuzione* tħallset total ta' €14,550.92
- Il-Fakultà ta' l-Edukazzjoni tħallset total ta' LM 4,591.40
- *Teacher's Resource Centre* tħallset total ta' LM2,873.02
- *Education Software Products* tħallset total ta' £18,954.56
- *HPCom* tħallset total ta' €8,678.70
- *Audio Visual Centre Limited* tħallset total ta' LM3,043.85
- *Haagse Hogeschool* tħallset total ta' €2,400.10

Illi, minn dak sottomess mill-*partners* rispettivi, jirriżulta li din d-dikjarazzjoni kienet veritiera biss fir-rigward is-soċjeta *HPCom*. Dwar il-*partners* l-oħrajn izda, ġie ddikjarat ammont għola minn dak li effettivement tħallsu, u dan kif xehdu rappreżenatanti minn dawn l-imsemmija kumpaniji. Illi għalhekk hemm provi fl-atti li jindikaw illi l-appellant irċieva madwar €44,365.98 aktar milli fil-fatt ħallas lill-dawn il-*partners.*

Isegwi għalhekk li l-kontenut tad-dikjarazzjoni magħmula mill-appellant kienet waħda mhux veritiera. *Inoltre,* irriżulta wkoll li Antoine Gambin, tramite d-dikjarazzjonijiet magħmula fir-rapport hawn imsemmi, irċieva pagament globali ta' €174,012 mill-EACEA.

Illi, l-Ewwel Qorti għamlet espożizzjoni tal-punti ta' dritt li jiddifferenzjaw il-falz materjali minn dak ideoloġiku, bil-fattispeċje ta' dan il-każ, kif ġustament tisħaq dik il-Qorti jippreżentaw xenarju fejn id-dokument ippreżentat mill-appellant lill-Aġenzija EACEA kien dokument ġenwin iżda kien jikkontjeni dikjarazzjonijiet inveritjeri, u għalhekk jaqa' fl-elementi ta' dritt li jsawwru l-falz ideoloġiku, u dana ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat l-Ewwel Qorti korrettament sabet ħtija fir-rigward. Ġie ppruvat ampjament li r-rapport, li ġie sottomess lill-Aġenzija EACEA, kien jikkontjeni dikjarazzjonijiet foloz u li permezz ta' l-istess inkiseb vantaġġ monetarju li bbenefika minnu l-appellant, għad-detriment tal-Kummissjoni Ewropeja li rrilaxxat dawn il-fondi. Għaldaqstant, id-deċizjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward is-sejbien ta' ħtija għar-raba' mputazzjoni dedotta kontra l-appellant hija waħda legalment valida u ma fiha xejn sindikabbli.

Illi, l-istess jingħad għad-deċizjoni ta' ħtija li l-Ewwel Qorti għamlet fir-rigward it-tieni mputazzjoni dedotta fil-konfront tal-appellant, u ċioe' dik ai termini tal-Artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali, meta huwa stabbilit mill-evidenza kkumpilata illi permezz tad-dikjarazzjoni falza magħmula minnu, l-appellant iffroda lill-Kummissjoni Ewropea minn fondi meta ma kienx minnu saru l-ħlas kif dikjarat, u meta il-proġett li ndaħal għalih fil-fatt qatt ma ra l-ħajja. Għaldaqstant t-tielet u r-raba' aggravji tal-appellant ma jistħoqqilhomx akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata fejn l-appellant jilmenta li din kienet waħda eċċessiva. Illi mingħajr tlaqliq il-Qorti tistqarr illi l-appellant ma għandux raġun fl-ilment minnu ventilat u dan għaliex il-piena erogata għar-reati minnu kommessi hija waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi u hija iktar viċin il-minimu tagħha milli l-massimu. Illi l-piena għar-reat tal-frodi fiż-

żmien tal-kummissjoni tar-reat (billi dawn żdiedu permezz ta'l-Att III tal-2002) huwa dak minn minimu ta' tlettax-il xahar sa seba' snin, filwaqt li għar-reat ravviżat fl-artikolu 188, dan iġorr il-piena tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn.

**Illi dan magħdud madankollu l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi llum l-appellant qiegħed jirrifondi l-flus meħuda indebitament u hemm ftehim fuq saqajh, liema ftehim jinsab eżebit in atti, fejn l-appellant intrabat li jirrifondi il-bilanċ rimanenti sas-sena 2028. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma illi piena karċerarja effettiva ma hijiex ser iservi biex il-vittma ta' dan ir-reat jiġi kkumpensat tat-telf li sofra. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-piena għandha tkun varjata, bl-appellant jingħata piena alternattiva għal dik tal-inkarċerazzjoni effettiva sabiex ikun jista' jonora l-ftehim minnu milħuq mal-Kummissjoni Ewropea.**

<u>**Appell ta'l-Avukat Ġenerali**</u>

Illi, għalkemm fit-talba kontenuta fir-rikors ta'l-appell l-Avukat Ġenerali jitlob ir-revoka tal-liberatorja għall-ewwel, it-tielet u l-ħames imputazzjonijiet, madanakollu fl-uniku aggravju ventilat, l-Avukat Ġenerali jillimita ruħu għad-deċiżjoni ta'l-Ewwel Qorti marbuta mar-reat ikkontemplat fl-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali u dan meta jilmenta illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta rriteniet illi l-element tal-*messa in scena* kien nieqes, bl-artifizji u raġġiri jikkonsistu fil-fatt illi l-appellat avviċina soċjetajiet differenti fejn ħajjarhom jsiru *partners* fil-proġett bil-ftehim li jiġu mħallsa, meta huwa ma kellux l-intenzjoni li dan il-proġett jattwah kif marbut li jagħmel u li allura l-uniku skop kien li jiddefroda il-Kummissjoni Ewropeja, tant illi ġew dikjarati figuri lill-aġenzija EACEA mis-soċjetà *Metis Company Limited*, minnu rappreżentata, kif rifless fir-rapport finali sottomess, li kienu għal kollox skoretti u invertieri.

Illi, ir-reat li qed jikkontendi l-Avukat Ġenerali li l-appellat kellu jiġi misjub ħati tiegħu huwa dak tal-frodi jew "truffa", ai termini tal-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali –

> **Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama**

**jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin.**

Illi, l-Qorti tistqarr illi qajla tista' tifhem il-motiv wara l-ilment ta'l-Avukat Ġenerali ġaldarba l-Ewwel Qorti sab ir-reita' għar-reat tal-frodi innominat, li huwa reat alternattiv għal dak ikkontemplat fl-artikolu 308, biż-żewġ reati iġorru l-istess piena, u ċioe' dik ravviżata fl-artikolu 310 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi, fi kwalunkwe każ il-Qorti tqies illi mill-provi ma jemerġiex dak l-użu ta' raggiri u artifizji mill-appellat Gambin, li ġiegħel lill-parti leza tiżvesti ruħha minn ammont sostanzjali ta' flus b'tali mod illi hija ġiet ingannata. Jirriżulta biss li l-appellat għamel dikjarazzjonijiet inveritieri fid-dokument li huwa issottometta lill-aġenzija EACEA sabiex jiġġustifika l-għotja tal-fondi mill-Unjoni Ewropeja, meta fil-verita' din in-nefqa huwa ma kienx għamilha u kien nefaq fil-fatt ferm inqas minn dak minnu dikjarat, biex b'hekk għamel qliegħ b'qerq. Ma hemmx provi illi kienet l-intenzjoni tiegħu *ab initio*, u ċioe' li jikkrea xenarju bl-użu ta' msiebaħ fil-proġett bil-għan ikun dak biss li jieħu l-fondi mill-Kummissjoni Ewropea għall-arrekkiment uniku tiegħu. Fil-fatt uħud minn dawn l-imsiebaħ irċevew parti żgħira mil-ħlas lilhom dovut, b'wieħed minnhom saħanistra jitħallas fit-totalita'. Għalhekk ma jistax jingħad illi r-reat ikkontemplat fl-artikolu 308 ġie ippruvat, bl-appellat iżda huwa ħati tar-reat alternattiv tal-frodi innominat, kif ingħad iktar 'il fuq f'din is-sentenza. Għaldaqstant, l-aggravju tal-Avukat Ġenerali qed jiġi miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' parzjalment l-appell tal-imputat Antoine Gambin, u tiċħad l-appell ta'l-Avukat Ġenerali. Tgħaddi biex tirriforma is-sentenza appellata unikament f'dak li jirrigwarda il-piena inflitta billi tvarja l-istess, u minflok dik tal-priġunerija għal tlett snin, tikkundanna lill-appellant Antoine Gambin għal piena ta' sentejn priġunerija, li bis-saħħa ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali dan it-terminu ta' priġunerija qed ikun sospiż għal żmien erba' snin mil-lum.**

**Inoltre, wara li rat l-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 24 ta'l-Att dwar il-*Probation* tordna lil ħati jikkumpensa lill-vittma l-flus meħuda indebitament u**

**dan sa'l-aħħar tas-sena 2028, u dan kif hemm rifless fid-dokument eżebit a fol.1310 et seq. ta'l-atti.**

**Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**